**26 ta' Mejju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppa Agius et.

*versus*

Paola Farrugia et.

**Konsorzju — Lokazzjoni — Nullità — Preġudizzju — Prova — Mara — Ratifika — Rinunzja — Art. 9, 1375, u 1616 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi tagħti lill-komproprjetarju ta' ħaġa komuni d-dritt li jimpunja l-lokazzjoni magħmula mill-komproprjetarju l-ieħor mingħajr il-kunsens tiegħu jew l-awtorizzazzjoni tal Qorti kompetenti, kemm il-darba din l-impunjazzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun sar jaf b'dik il-lokazzjoni.*

*Huwa konformi għall-prinċipji regolanti l-piż tal-prova illi x-xjenza tal-kiri fil-kompossessur li jimpunja l-lokazzjoni għandu jippruvaha min jallega dik ix-xjenza; u fil-każ li din il-prova ma tkunx adegwata, jew anki fil-każ ta' dubju, l-allegata xjenza għandha tkun respinta.*

*Jekk il-kunsens pretiż mogħti hu dak ta' mara miżżewġa, jeħtieġ jiġi pruvat ukoll li kien hemm il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni ta' żewġha; għax il-kiri ta' post, anki per mezz ta' mandatarju, jikkostitwixxi obligazzjoni vera u proprja, u l-mara miżżewġa, bħala regola, ma tistgħax tassumiha mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tar-raġel.*

*Jekk dik il-mara miżżewġa kienet taf hija* biss *bil-lokazzjoni, u ħalliet jgħaddi ż-żmien legali mingħajr ma nfurmat lill-żewġha, dan l-aġir tagħha ma jistgħax jingħad li jikkostitwixxi ratifika tal-kirja; għax din ir-ratifika ma tiswiex legalment, billi anki għar-ratifika jeħtieġ il-konkors ta' żewġha; molto pjù li dik ir-ratifika tikkostitwixxi rinunzja*

*għad-dritt ta' annullament tal-lokazzjoni, u għalhekk jeħtieġu r-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-validità ta' rinunzja.*

*Barra minn dan, id-dritt tal-lokazzjoni, u kwindi anki l-impunjattiva tal-istess lokazzjoni, kienu jappartjenu lir-raġel, li bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti għandu, sa prova kuntrarja, id-dritt tal-amministrazzjoni anki tal-beni parafernali ta' martu.*

*Xejn ma jservi li l-lokazzjoni ma tkun ġiebet ebda preġudizzju lil min irid jimpunjaha; għaliex il-liġi ma tirrikjedi ebda kawża ġusta għall-annullament tal-lokazzjoni, imma trid biss li tkun saret mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarju jew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-atturi, wara li ppremettew illi l-attriċi u ż-żewġ konvenuti Paola u Benedetta Farrugia huma komproprjetarji tal-garage li jinsab nru. 142 College Street Rabat, u illi wara l-mewt ta' ommhom, li ġrat fit-3 ta' Novembru 1953, il-konvenuti Farrugia abużivament u mingħajr il-kunsens tal-atturi, u mingħajr l-awtorizzazzjoni b'sentenza tal-Qorti, krew dan il-garage lill-konvenut l-ieħor John Muscat; u illi l-atturi, wara li saru jafu b'din il-kirja fis-27 ta' April 1954, interpellaw lill-konvenuti Farrugia permezz ta' ittra uffiċjali, preżentata fid-19 ta' Mejju 1954, biex jannullaw l-imsemmija lokazzjoni, però għal ta' xejn; talbu (1) li tiġi annullata minn din il-Qorti l-lokazzjoni fuq imsemmija tal-garage numru 142 College Street, Rabat, magħmula lill-konvenut John Muscat, peress li ġiet magħmula mingħajr il-kunsens tal-atturi u mingħajr l-awtorizzazzjoni b'sentenza tal-Qorti kompetenti, u dan in bażi għall-art. 1616 tal-Kodiċi Ċivili; (2) u li l-konvenut John Muscat jiġi konsegwentement kundannat minn dik il-Qorti li jiżgombra mill-garage fuq imsemmi fi żmien qasir perentorju li jiġi fissat minn dik l-istess Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali preżentata fid-19 ta' Mejju 1954;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Jannar 1958, li biha ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u milqugħa t-talba tal-atturi, u ġie mogħti lill-konvenut Muscat xahar żmien biex jiżgombra; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, l-atturi qegħedin jeżerċitaw l-azzjoni kontemplata fl-art. 1616 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi kontra l-azzjoni hekk esperita mill-atturi ġew sollevati diversi eċċezzjonijiet, li hu xieraq li jiġu eżaminati separatament;

Illi l-konvenuti Farrugia, skond il-verbal fol. 74, eċċepew illi l-azzjoni ma ġietx mill-atturi esprerita fiż-żmien li trid il-liġi, u konsegwentement tinsab perenta. L-art. 1616 fuq imsemmi ċitat jagħti lill-kompossessur tal-ħaġa komuni d-dritt li jimpunja l-lokazzjoni magħmula mill-konpossessur l-ieħor mingħajr il-kunsens tiegħu, jew mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, kemm il-darba din l-impunjattiva ssir fi żmien xahrejn minn dak inhar li jkun sar jaf b'dik il-lokazzjoni. Huwa konformi għall-prinċipji regolanti l-piż tal-prova illi x-xjenza tal-kiri fil-kompossessur instanti għandu jippruvaha min jallega dik ix-xjenza, jiġifieri l-konvenuti Farrugia eċċipjenti; u fil-każ li din il-prova ma tkunx adegwata, jew anki fil-każ ta' dubju, l-allegata xjenza għandha tkun respinta;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa r-riżultanzi proċesswali, hija tal-fehma li din il-prova ma ġietx raġġunta, u li anzi ġie pruvat li l-atturi eżerċitaw l-azzjoni odjerna fiż-żmien utili ta' xahrejn mindu ġew jafu bil-lokazzjoni mpunjata. Irriżulta, infatti, li l-attur, malli sar jaf li l-garage in kwistjoni...... iżda anki jekk wieħed jissupponi li l-attriċi qalet b'dan lill-żewġha, jibqa' dejjem li ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fl-4 ta' Ġunju sussegwenti, jiġifieri fiż-żmien legali;

Illi, fuq l-eċċezzjoni tal-konvenut Muscat, *jiġifieri* li l-atturi kienu jafu bil-kiri u kienu ħallew dan il-kiri f'idejn il-konvenuti Farrugia, għandu jiġi rilevat illi l-lokazzjoni

lil Muscat, skond ma xehdu l-istess konvenuti (fol. 55 tergo u 71), kienet ġiet miżmuma sigrieta mill-atturi, billi kellhom jitħallsu mill-flus imħallsa u antiċipati minn Muscat l-ispejjeż tal-funerali ta' ommhom; u, kif esprimiet ruħha l-konvenuta Paola Farrugia, hija stenniet li titkellem meta ssir id-diviżjoni tal-wirt, li fih kien jidħol il-garage fil-kwistjoni. Dan ifisser illi l-lokazzjoni ma saritx bil-kunsens tal-atturi. Iżda anki jekk, "ex hypothesi", l-attriċi kienet tat il-kunsens tagħha, dan il-kunsens ma jorbotx legalment, għaliex ma ġiex pruvat li kien hemm ukoll il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-attur żewġha (art. 9 Kodiċi Ċivili). Il-kiri ta' post, anki per mezz ta' mandatarju, jikkostitwixxi obligazzjoni vera u proprja; u l-mara miżżewġa, bħala regola, ma tistgħax tassumiha mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tar-raġel. Dik id-dispożizzjoni ma għandhiex tiftiehem restrittivament għall-atti hemm speċifikati, imma hija ntiża tikkomprendi l-atti kollha mhux eċċettwati mill-liġi. Difatti, kif jinnota Laurent, "è principio che la moglie è incapace di fare un atto giuridico senza l'autorizzazione del marito. I motivi che hanno fatto stabilire l'incapacità sono generali; la sottomissione che la moglie deve a suo marito esige che essa ottenga il suo consenso per ogni atto, e l'interesse della famiglia esige ugualmente che il marito prenda conoscenza di tutti gli atti che la moglie si propone di fare...... L'incapacità si applica ad ogni specie di atti, senza distinguere se sono a titolo gratuito o a titolo oneroso" (Diritto Civile, Vol. III, para. 97);

Illi, jekk l-attriċi weħedha kienet taf bil-lokazzjoni u ħalliet iż-żmien legali jgħaddi bla ma nfurmat lil żewġha, u jekk dan jista' jikkostitwixxi ratifika da parti tagħha (Kollez. Vol. XVI-II-213), din ir-ratifika ma tiswiex legalment, għaliex għaliha kien hemm bżonn il-konkors ta' żewġha, molto pjù li tikkostitwixxi rinunzja għall-azzjoni ta' annullament (Digesto Italiano, Ratifica, para. 17); u kwindi, kif jgħid Giorgi, "richiede tutte le condizioni intrinseche indispensabili per l'efficacia delle rinuncie" (fosthom il-kapaċità) — Obbligazioni, Vol. VIII, para. 190. Mbgħad, ta' min jinnota li d-dritt tal-lokazzjoni, u kwindi anki l-impunjattiva tal-istess lokazzjoni, kienu jappartjenu lill-

attur, li bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, għandu, sakemm ma ssirx prova kuntrarja, l-amministrazzjoni anki tal-beni parafernali ta' martu (art. 1375 Kod. Ċiv.); u għalhekk l-attriċi ma setgħetx tiddisponi u lanqas tippreġudika dak id-dritt;

Illi lanqas tiswa l-eċċezzjoni tal-aħwa Farrugia li l-lokazzjoni mpunjata ma ġiebet ebda preġudizzju lill-atturi; għaliex, apparti l-fatt li l-atturi kellhom bżonn tal-garage biex fih l-attur jiżbogħ il-karrozzi (fol. 11), l-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq l-art. 1616 (Kod. Ċiv.), li għall-annullament tal-lokazzjoni ma jirrikjedix f'min jitolbu kawża ġjusta, iżda biss li l-lokazzjoni tkun saret mingħajr il-kunsens tiegħu jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti (Kollez. XXXIX-I-167);

Illi, għalhekk, l-ewwel domanda tal-atturi tinsab sostnuta;

Illi konsegwentement, peress li l-lokazzjoni hija nulla u bla effett, il-konvenut Muscat jinsab fil-garage mingħajr titolu;

Rat in-nota tal-appell, li biha l-konvenut Muscat appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Jannar 1958; u rat il-petizzjoni tal-appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza appellata u ċ-ċaħda tat-talba tal-atturi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li ħut l-appellanti, Paola u Benedetta Farrugia, kellhom l-amministrazzjoni tal-ġid komuni, u għalhekk setgħu jikru l-garage lill-appellanti. Iżda dan mhuwiex korrett. Fil-fatti rriżulta, mid-depożizzjoni tal-attriċi, li dment li kienet ħajja l-omm, din kellha l-amminis-

trazzjoni tal-ġid ta' uliedha, evidentement bħala l-kap tal-familja wara l-mewt tal-missier. L-omm kienet tqabbad lill-bintha Paola biex tikteb, għax hi ma kienetx taf tikteb; infatti, sakemm damet ħajja, l-irċevuti kienu jsiru għannom tal-omm (dok. fol. 19). Ma jirriżultax li l-atturi wara l-mewt ta' ommhom fdaw l-amministrazzjoni għal dak li kien jirrigwardahom lill-konvenuti Farrugia; u dawn qabdu u krew il-garage minn jeddhom u bla ma ħadu l-kunsens tal-atturi. Għall-kiri tal-garage kien meħtieġ il-kunsens tal-attur, li bħala kap tal-komunjoni kellu wkoll l-amministrazzjoni tal-ġid parafernali ta' martu, fil-waqt li l-attriċi martu kellha dejjem bżonn l-intervent u l-kunsens tiegħu. Fl-assenza ta' dak il-kunsens, il-lokazzjoni magħmula favur l-appellant minn għand Pawla u Benedetta Farrugia biss ma kienetx valida;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant; u tordna li t-terminu għall-iżgumbrament jibda mil-lum.